Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 749/2010

**F Glanville Enterprises Limited (C-8504)**
**vs**
**Goth Hairdressing Company Limited (C-33671)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, disa' mija tmienja u sebghin ewro u ghaxar centezmi (€1978.10) rapprezentanti bilanc ta' merkanzija ordnata minnha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li gie prezentat kontestwalment, flimkien ma' l-imghax mid-data tal-ahhar konsenja li hija 10 ta' Dicembru, 2009, sad-data tal-pagament effettiv, kontra d-diretturi tas-socjeta' konvenuta li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ra li fis-seduta tal-20 ta' Jannar, 2011 sema' lill-Purtier tal-Qorti jixhed kif huwa ghamel tentattiv sabiex

jinnotifika lir-rapprezentat tas-socjeta' konvenuta u li rrifjutat in-notifika.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata.

It-Tribunal ra li fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2011, is-socjeta konvenuta pprezentat nota t'ammissjoni tat-talba attrici kif dedotta.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------